## Id-disinjatur u l-iskultur

# EMANUELE BUHAGIAR

## (1876-1962) — 45 SENA MINN MEWTU...



*Silvio Cassar*

Bla dubju ta' xejn, Emanuele Buhagiar jew, aħjar, kif kien magħruf Manwel tar-Raħal Ġdid, hu wieħed mill-iprem disinjaturi u skulturi li għamel isem lejn tmiem is-seklu dsatax u fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin. Il-karriera artistika kbira tiegħu kienet imfittxija sew f'pajjiżna għax laħqet livell artistiku fenomenali, u dan jixhduh id-diversi Knejjes Maltin li jiftaħru li sebbħilhom it-tempju tagħhom b'xogħlijiet sagri li, l-aktar fil-jiem tal-festi, ikunu esebiti biex ilkoll napprezzaw il-kobor ta' l-id Maltija.



Emanuel Buhagiar, bin maxtrudaxxa, twieled il-Birgu fl-1876 fi Triq l-Ordinanza. Ta' min jgħid li missieru kien mgħallem fl-injam it-Tarzna. Għalhekk hu fatt li, minħabba s-sengħa ta' missieru, Manwel rabba fih imħabba lejn din is-sengħa. Għalhekk sa minn ċkunitu deher iħobb l-arti tant li beda jitħarreġ fl-injam għand l-iskultur Aristide Bonnici (1851-1888) filwaqt li beda l-istudju tiegħu tal-pittura għand Ġużeppi Bonnici (1835-1900).

L-aqwa tagħlimi ħadu mingħand Arturo Galdes u l-magħruf Lazzaro Pisani (1854-1932) fl-i*Scuola di Disegno,* il-Birgu. Però l-aqwa formazzjoni artistika kisibha lejn l-aħħar tas-seklu 19 mingħand il-Kalabriż Vincenzo Cardona, li tiegħu Buhagiar kien student. Ta' min jinnota li dan il-Kalabriż stabbilixxa ruħu lejn l-aħħar tas-seklu 19.

Manwel Buhagiar iżżewweġ lil Ersilia Calì, neputija ta' l-artist ċelebri Ġużeppi Calì (1846-1930), fl-1898 meta kellu 22 sena. Lejn l-aħħar parti tal-karriera artistika tiegħu, Buhagiar beda jkun megħjun minn ibnu stess Antonio (1905-1998) li kien skultur tajjeb ukoll.

Wara tilwima li kellu fejn twieled u trabba, mar joqgħod u jaħdem l-ewwel Ħal Tarxien u mbagħad xtara post ir-Raħal Ġdid; iżda bħala bottega reġa' mar Ħal Tarxien wara l-1920. F'din l-epoka x-xogħol kien naqas ħafna minħabba l-Ewwel Gwerra Dinjija. Imma meta beda għaddej iż-żmien, Buhagiar reġa' wera l-potenzjal veru tiegħu meta għamel il-bankun għall-istatwa titulari ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop u l-ventartal ta' l-artal tal-Madonna tar-Ruzarju fl-istess Knisja. Għalhekk, matul il-karriera tiegħu beda jkun imfittex l-aktar għall-bankuni ta' statwi fil-Knejjes Maltin. Fil-fatt, fi żmienu li jkollok bradella jew bankun ta' Buhagiar kienet ħaġa ta' preġju enormi. Din l-idea ħadet spinta speċjalment fl-ewwel nofs tas-seklu 20 għax-xogħol eċċellenti, innovattiv u frisk għall-aħħar.

Għalhekk nistgħu ngħidu li Buhagiar kien il-kontributur prinċipali fi żvilupp ta' wħud mill-bradelli li naqqax b'kapaċità kbira fl-injam, u li jinkludu dawk ta' Santa Marija ta' Ħ'Attard, Ħad-Dingli, tal-Gudja u ta' l-Imqabba, dik tal-Madonna ta' Pompei f'Marsaxlokk, ta' San Bert f'Ħal Għargħur, tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, ta' San Pawl f'Ħal Safi, ta' Santa Katerina taż-Żurrieq, u dik tal-Lunzjata f'Ħal Balzan. Hu ħadem b'kull tip ta' injam, u saħansitra daħħal l-idea ta' interzjar rikk fil-bankuni u għamajjar oħra. Din is-sengħa kien tgħallimha mingħand Emanuel Decelis (1826 -1910).

Meta tlesta l-ġbir għall-qniepen f'Ħal Balzan, u dawn sabu posthom fid-19 ta' Marzu 1925, il-Kappillan Francesco Saverio Zahra (1888-1978) beda jaħseb fil-proġett li kien imiss. Għall-ewwel l-għażla waqgħet fuq il-pittura, iżda l-ħsieb inbidel u Zahra beda jiġbor ħalli l-istatwa titulari tal-Lunzjata jsirulha xi alterazzjonijiet billi tiġi żgraffita u indurata mill-ġdid. S'intendi, bdew jintgħażlu l-aqwa artisti għal dan ix-xogħol.

Dawn ix-xogħlijiet saru bejn l-1929 u l-1930. Id-disinni saru mill-Bormliż Mastru Abram Gatt filwaqt li x-xogħlijiet kienu esegwiti u fdati f'idejn l-aktar artist popolari u mfittex f'dawk iż-żminijiet, sewwasew Manwel Buhagiar.

Tajjeb li ngħidu li l-alterazzjonijiet kienu jinkludu t-tkabbir tal-ġwienaħ ta' l-Arkanglu Gabriel, banketta bi ktieb fuqha minflok vażun bil-ward, tibdil fl-iskultura tal-pedestall u bradella ġdida maħduma b'sengħa u preċiżjoni kbira. L-induratura kollha kienet tħalliet f'idejn id-Ditta Coleiro tal-Belt Valletta.

Ngħid għalija, 77 sena ilu d-disinjatur Gatt u l-iskultur Buhagiar għamlu biċċa xogħol kbira, mill-aktar friska u addattata għal-lum u għaż-żmien li ġej mingħajr ma warrbu l-ispirazzjoni artistika kbira ta' Mastru Salv Dimech tal-Mosta, imlaqqam is-Sartx, li naqqax fl-injam b'għaqal, ħila u sengħa kbira fl-1868.

Ma nistgħux insemmu kull xogħol li għamel Manwel Buhagiar. Imma hawn xogħlijiet oħra li ma nistgħux inħalluhom barra għax waħedhom biss jibqgħu jfakkru lil dan l-artist li bil-ħila tiegħu ser joħduna dawra fid-diversi Knejjes... ibda mill-Knisja Arċipretali taż-Żejtun fejn insibu t-tużell, il-gandlieri fuq l-artal maġġur fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi, gandlieri u trieħi fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa, għadd ta' ostensorji, relikwi, ventartali u gandlieri għall-Parroċċa Matriċi Kolleġġjata ta' San Lawrenz il-Birgu, il-vażetti għall-fjuretti fl-artal maġġur li jintużaw għall-festa ta' Santa Katerina taż-Żurrieq u f'Ħal Għargħur insibu *Il-Monument* li jintuża fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ nhar Ħadd il-Palm. U min jaf kemm ħadem xogħol ieħor li llum jinsab fi djar privati!

Knisja li nistgħu ngħidulha monument għal dan l-artist ċelebri hija l-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi. Hemm Buhagiar ħalla timbru b'diversi xogħlijiet ornamentali mill-aqwa. Ibda mill-14-il gwarniċ tal-Via Sagra, 7 ventartali (fosthom il-ventartal ta' l-artal maġġur tal-

*ikompli f'paġna 33*

# ĦAL BALZAN
## - 350 Sena Parroċċa - 1655—2005 Tifkira

### Eku tas-sena 2005

Għadhom friski f'moħħna l-festi li għamilna sentejn ilu f'Ħal Balzan biex fakkarna t-350 sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Kienu festi sbieħ u xierqa lir-raħal għażiż tagħna, u nistgħu ngħidu li tawna ħafna sodisfazzjon lilna li għexniehom u ħadna sehem fihom.

Biex dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ta' tifkira ma jkunux għaddew għal kollox, kienet idea sabiħa ħafna tal-parroċċa li jiġi ppubblikat ktejjeb ta' tifkira ta' din l-okkażjoni. Fi kliem Carmel Bezzina, l-editur ta' din il-pubblikazzjoni, "kienet tkun ħasra li l-kronaka ta' l-attivitajiet li saru u d-diskorsi studjati u riċerkati li ntisġu f'din l-okkażjoni jtiru mar-riħ u ma jiġux ippubblikati." Dan il-ktieb, stampat pulit ħafna fl-istamperija Veritas, ħareġ f'Ġunju tas-sena li għaddiet (2006) u tqassam fid-djar kollha ftit qabel il-festa titulari bħala tifkira lill-familji tal-parroċċa. Kienet ix-xewqa tal-parroċċa li dan il-ktieb jasal ukoll għand il-Balzanin li jgħixu barra r-raħal u anke 'l bogħod minn xtutna.



Carmel Bezzina qed jippreżenta ż-żewġ kotba lill-President ta' Malta, Dr Eddie Fenech Adami, fil-Palazz, il-Belt, nhar il-15 ta' Diċembru 2006.

Il-ktieb, bl-isem *Ħal Balzan - 350 Sena Parroċċa - 1655—2005: Tifkira*, jiġbor fih daħla mill-editur, kelmtejn mill-Kappillan Dun Kalċidon Vassallo, l-attivitajiet li saru fil-parroċċa biex jitfakkar dan l-anniversarju, il-programm tal-festa, u l-għadd sabiħ ta' ritratti bil-kulur ta' dawn l-okkażjonijiet. Il-qofol tal-ktieb hija l-ġabra tal-ħames diskorsi li saru tul dawn il-festi. L-ewwel żewġ diskorsi saru fis-serata kommemorattiva tal-Ħadd, it-3 ta' Lulju, taħt il-patroċinju ta' l-E.T. Dr Eddie Fenech Adami, il-President ta' Malta. L-ewwel diskors sar mir-Rev. Dr Joe Galea Curmi dwar "X'Inhi Parroċċa". Id-diskors l-ieħor għamlu l-Prof. Mons. Vinċenz Borg dwar "Il-Qima lejn Sidtna Marija Annunzjata". L-għada t-Tnejn, l-4 ta' Lulju, waqt il-kunċert ċelebrattiv bis-sehem taż-żewġ baned ta' Ħal Balzan, Carmel Bezzina tkellem dwar "Ħal Balzan f'nofs is-Seklu 17", filwaqt li l-Mons. Ġwann Dimech niseġ "Il-Ġrajja tat-Twaqqif tal-Parroċċa ta' Ħal Balzan". Diskors ieħor li nsibu f'dan il-ktieb ta' tifkira huwa dak li sar mill-Prof. Stanley Fiorini nhar l-14 ta' Awissu, bl-isem "Il-Knisja l-Qadima tal-Lunzjata, l-Ewwel Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan".

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li, f'Novembru li għadda, Carmel Bezzina, l-editur tal-ktieb, li huwa wkoll studjuż tal-Malti, ippubblika l-ktieb tiegħu *Saydon Biblista u Studjuż tal-Malti*. Dan huwa studju evalwattiv tal-kontribut li ta l-Professur Pietru Pawl Saydon (1895-1971) kemm fil-qasam bibliku u kemm f'dak ta' l-istudju ta' l-ilsien Malti. Il-kittieb jagħti ħjiel bijografiku ta' dan l-istudjuż fil-kuntest soċjo-kulturali ta' l-ewwel nofs tas-seklu 20, u filwaqt li janalizza l-kontribut tiegħu fil-ġlieda sabiex ilsien il-poplu jikseb il-post li jixraqlu f'pajjiżu stess, jistħarreġ is-serjetà xjentifika li biha Saydon ħadem biex qiegħed l-istudju lingwistiku tal-Malti fuq sisien sodi u jistudja l-komponenti stilistiċi li jsawru l-kitbiet letterarji oriġinali, l-aktar il-proża, li ħalla. Fl-aħħarnett Carmel Bezzina jiffoka fuq it-traduzzjoni tal-Kotba Mqaddsa, iqegħedha fil-kuntest ta' l-istorja tat-traduzzjoni biblika f'Malta u jifli l-kwalitajiet lessikali, sintattiċi u stilistiċi li jikkaratterizzaw din it-traduzzjoni. Il-ktieb jista' jinkiseb mil-Librerija Preca tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM), li ħadet ħsieb din il-pubblikazzjoni. ❐

*ikompli minn paġna 31*

festa tal-Madonna ta' Lourdes), lanterni, slaleb, il-leġiju ta' wara l-artal maġġur, disinni għat-trieħi ta' l-artali, ir-relikwarju tal-festa titulari, l-erba' gastri li jdawru l-istatwa titulari ta' l-Assunta u, l-aħħar biċċa xogħol, id-disinn tal-pavimentar ta' l-istess Knisja Parrokkjali. Għandhom għalxiex jiftaħru l-Qrendin bl-opri li ħarġu minn idejn dan id-disinjatur u skultur.

Fi żmienu, l-uniku artist ta' kalibru tiegħu kien bla dubju l-Bormliż Mastru Abram Gatt (1863-1944). Riċerka li għamel Mark Sagona turi li Buhagiar kien influwenzat xi ftit jew wisq minn Gatt, imma, wara kollox, kienu żewġ pilastri ewlenin tad-dekorazzjoni ekkleżjastika f'Malta fl-ewwel nofs tas-seklu 20. Sagona jgħid li Buhagiar kien ippreferut għax kien jagħmel id-disinn u l-mudell, u għalhekk il-kummissjoni kienet toħroġ lesta mingħand artist wieħed, s'intendi aktar komda għal min jordna x-xogħol. L-istil li qabad Buhagiar kien ixaqleb mill-aktar lejn il-Barokk, però b'taħlita ta' Neo-Gotiku (stil Ingliż... wara kollox konna taħthom!).

Buhagiar jibqa' wieħed mill-akbar artisti u disinjaturi li għamlu isem fis-sekli 19 u 20. Hu jibqa' mniżżel fl-istorja artistika ta' opri sagri kbar fil-knejjes tagħna, u sena wara l-oħra dawn ix-xogħlijiet jibqgħu jiġbdu Maltin u turisti lejn il-Knejjes fil-jiem tal-festa sabiex jaraw il-kapaċità u l-ħila ta' l-id Maltija.

Ħal Balzan jibqa' kburi li l-id Maltija ta' Mastru Manwel Buhagiar daħlet issebbaħ ukoll il-Knisja Parrokkjali tagħna ddedikata lill-Annunzjata. Nagħlaq din il-kitba tiegħi billi nikkwota silta mill-Ktieb '*Maltese Biographies of the Twentieth Century*': '*Buhagiar has been described as a supremely gifted wood-carver graced with remarkable artistic sensitivity.*'

Referenzi:
Mark Sagona, Ktieb tal-Festa Soċjetà Mużżikali Lourdes, Il-Qrendi; pġ 112-115.
Mons. Ġwann Dimech, Ħal Balzan - Ġrajjietu sa l-1999; pġ 149.